Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B ►C1 **DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/44/UE** ◄

tal-1 ta' Lulju 2010

li timplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti dispożizzjonijiet li jikkonċernaw fużjonijiet ta' fondi, strutturi prinċipali-alimentatriċi u l-proċedura tan-notifikazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 176, 10.7.2010, p. 28)

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 179, 14.7.2010, p. 16 (2010/44/UE)

▼B
▼C1

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/44/UE

▼B

tal-1 ta' Lulju 2010

li timplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti dispożizzjonijiet li jikkonċernaw fużjonijiet ta' fondi, strutturi prinċipali-alimentatriċi u l-proċedura tan-notifikazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KAPITOLU I

ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 43(5), 60(6)(a) u (c), 61(3), 62(4), 64(4)(a) u 95(1) tad-Direttiva 2009/65/KE.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "ibbilanċjar mill-ġdid tal-portafoll" tfisser modifika sinifikanti fil-kompożizzjoni tal-portafoll ta' UCITS;

2. "indikaturi sintetiċi tar-riskji u l-gwadanji" tfisser indikaturi sintetiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 583/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/65/KE fir-rigward tat-tagħrif ewlieni għall-investitur u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġi ssodisfati meta jingħata t-tagħrif ewlieni jew il-prospett b'mezz li jibqa' li mhuwiex stampat jew permezz ta' websajt ([1]).

KAPITOLU II

FUŻJONIJIET TA' UCITS

TAQSIMA 1

Kontent tal-informazzjoni dwar fużjoni

Artikolu 3

Regoli ġenerali li jirrigwardaw il-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lit-titolari ta' unitajiet

1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lit-titolari ta' unitajiet skont l-Artikolu 43(1) tad-Direttiva

([1]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

2009/65/KE għandha tkun miktuba b'mod konċiż u b'lingwaġġ mhux tekniku li jkun jippermetti lit-titolari ta' unitajiet jiġġudikaw b'mod infurmat l-impatt tal-fużjoni proposta għall-investiment tagħhom.

Fil-każ ta' proposta ta' fużjoni transkonfinali, il-UCITS li tkun qed tiġi fuża u l-UCITS li tirċievi, rispettivament, għandhom jispjegaw b'lingwaġġ sempliċi t-termini jew il-proċeduri kollha relatati mal-UCITS l-oħra li jkunu differenti minn dawk applikati komunament fl-Istat Membru l-ieħor.

2. L-informazzjoni li trid tingħata lit-titolari ta' unitajiet fil-UCITS li tkun qed tiġi fuża għandha tissodisfa l-ħtiġijiet tal-investituri li ma jkunux jafu minn qabel bil-karatteristiċi tal-UCITS li tirċievi jew bil-mod kif topera. Din għandha tiġbdilhom l-attenzjoni dwar it-tagħrif ewlieni għall-investitur tal-UCITS li tirċievi u tenfasizza li min wieħed jaqrah.

3. L-informazzjoni li trid tingħata lit-titolari ta' unitajiet fil-UCITS li tirċievi għandha tiffoka fuq l-operazzjoni tal-fużjoni u l-impatt potenzjali tagħha fuq il-UCITS li tirċievi.

Artikolu 4

Regoli speċifiċi li jirrigwardaw il-kontenut tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta lit-titolari ta' unitajiet

1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-punt (b) tal-Artikolu 43(3) tad-Direttiva 2009/65/KE lit-titolari ta' unitajiet fil-UCITS li tkun qed tiġi fuża għandha tinkludi wkoll:

(a) dettalji dwar kwalunkwe differenza fil-jeddijiet tat-titolari ta' unitajiet fil-UCITS li tkun qed tiġi fuża qabel u wara li sseħħ il-fużjoni proposta;

(b) jekk it-tagħrif ewlieni għall-investitur fil-UCITS li tkun qed tiġi fuża u l-UCITS li tirċievi jurix indikaturi sintetiċi tar-riskji u l-gwadanji fil-kategoriji differenti, jew tidentifikax riskji materjali differenti fin-narrazzjoni li takkumpanjaha, u paragun ta' dawk id-differenzi;

(c) paragun tal-imposti, it-tariffi u l-infiq kollha taż-żewġ UCITS, abbażi tal-ammonti żvelati fit-tagħrif ewlieni għall-investitur rispettivi tagħhom;

(d) jekk il-UCITS li tkun qed tiġi fuża tapplika tariffa fuq il-prestazzjoni, spjegazzjoni ta' kif din tkun se tiġi applikata sal-mument meta sseħħ il-fużjoni;

(e) jekk il-UCITS li tirċievi tapplika tariffa fuq il-prestazzjoni, kif se tiġi sussegwentement applikata biex tiżgura trattament ġust għal dawk it-titolari ta' unitajiet li qabel kellhom unitajiet fil-UCITS li tkun qed tiġi fuża;

(f) f'każijiet fejn l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2009/65/KE jippermetti li l-ispejjeż assoċjati mat-tħejjija u l-eżekuzzjoni tal-fużjoni jiġu imposti jew fuq il-UCITS li tkun qed tiġi fuża jew fuq il-UCITS dik li tirċievu jew fuq kwalunkwe titolar ta' unitajiet, dettalji dwar kif dawn l-ispejjeż ser jitqassmu;

▼B

(g) spjegazzjoni dwar jekk il-kumpanija maniġerjali jew il-kumpanija tal-investiment tal-UCITS li tkun qed tiġi fuża tkunx biħsiebha tagħmel xi bbilanċar mill-ġdid tal-portafoll qabel issir l-fużjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-punt (b) tal-Artikolu 43(3) tad-Direttiva 2009/65/KE lit-titolari ta' unitajiet fil-UCITS li tirċievi għandha tinkludi wkoll spjegazzjoni dwar jekk il-kumpanija maniġerjali jew il-kumpanija tal-investiment tal-UCITS li tirċievi tkunx qiegħda tistenna li l-fużjoni tħalli x'impatt materjali fuq il-portafoll tal-UCITS li tirċievi, u jekk tkunx biħsiebha tagħmel xi bbilanċjar mill-ġdid tal-portafoll qabel jew wara li ssir l-fużjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-punt (c) tal-Artikolu 43(3) tad-Direttiva 2009/65/KE għandha tinkludi wkoll:

(a) dettalji ta' x'għandu jsir minn kwalunkwe introjtu akkumulat fil-UCITS rispettivi;

(b) indikazzjoni dwar kif jista' jinkiseb ir-rapport minn awditur indipendenti jew id-depożitarju msemmi fl-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2009/65/KE.

4. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li jekk it-termini tal-fużjoni proposta jkunu jinkludu dispożizzjonijiet għal ħlas fi flus skont il-punti (p)(i) u (p)(ii) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, l-informazzjoni li trid tingħata lit-titolari ta' unitajiet fil-UCITS li tkun qed tiġi fuża għandu jkun fiha d-dettalji dwar dak il-ħlas propost, fosthom meta u kif it-titolari ta' unitajiet fil-UCITS li tkun qed tiġi fuża se jirċievu l-ħlas fi flus.

5. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-informazzjoni li tiġi pprovduta skont il-punt (d) tal-Artikolu 43(3) għandha tinkludi:

(a) fejn ikun rilevanti skont il-liġi nazzjonali għall-UCITS partikolari, il-proċedura li biha t-titolari ta' unitajiet se jintalbu japprovaw il-proposta tal-fużjoni, u x'arranġamenti se jsiru biex jiġu infurmati bl-eżitu;

(b) id-dettalji dwar kwalunkwe sospensjoni ta' negożjar ta' unitajiet maħsuba biex l-fużjoni tkun tista' ssir b'mod effiċjenti;

(c) meta tkun se ssir l-fużjoni skont l-Artikolu 47(1) tad-Direttiva 2009/65/KE.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'każijiet fejn, skont il-liġi nazzjonali għall-UCITS partikolari, il-proposta tal-fużjoni għandha tiġi approvata mit-titolari ta' unitajiet, l-informazzjoni għandu jkun fiha rakkomandazzjoni mill-kumpanija maniġerjali jew mill-bord tad-diretturi tal-kumpanija tal-investiment rispettiva dwar x'azzjoni tkun sa tittieħed.

7. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-informazzjoni li trid tingħata lit-titolari ta' unitajiet fil-UCITS li tkun qed tiġi fuża għandha tinkludi:

(a) il-perjodu li matulu t-titolari ta' unitajiet ikunu jistgħu jibqgħu għaddejjin bis-sottoskrizzjonijiet u jitolbu tifdija ta' unitajiet fil-UCITS li tkun qed tiġi fuża;

▼B

(b) iż-żmien meta dawk it-titolari ta' unitajiet li ma jkunux għamlu użu mill-jeddijiet mogħtija lilhom skont l-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, fil-limitu taż-żmien rilevanti, ikunu jistgħu jeżerċitaw jeddijiethom bħala titolari ta' unitajiet fil-UCITS li tirċievi;

(c) spjegazzjoni li f'każijiet fejn il-proposta tal-fużjoni trid tiġi approvata mit-titolari ta' unitajiet fil-UCITS li tkun qed tiġi fuża skont il-liġi nazzjonali u l-proposta tiġi approvata bil-maġġoranza meħtieġa, dawk it-titolari ta' unitajiet li jivvutaw kontra l-proposta jew li ma jivvutaw xejn, u li ma jagħmlux użu mill-jeddijiet mogħtija lilhom skont l-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2009/65/KE fil-limitu taż-żmien rilevanti, isiru titolari ta' unitajiet fil-UCITS li tirċievi.

8. Jekk jingħata sommarju tal-punti ewlenin tal-proposta tal-fużjoni fil-bidu tad-dokument tal-informazzjoni, għandu jkun b'kontroreferenza għall-partijiet tad-dokument tal-informazzjoni fejn tkun qiegħda tingħata aktar informazzjoni.

Artikolu 5

Tagħrif ewlieni għall-investitur

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tingħata verżjoni aġġornata tat-tagħrif ewlieni għall-investitur tal-UCITS li tirċievi lit-titolari ta' unitajiet eżistenti fil-UCITS li tkun qed tiġi fuża.

2. It-tagħrif ewlieni għall-investitur tal-UCITS li tirċievi għandu jingħata lit-titolari ta' unitajiet eżistenti fil-UCITS li tirċievi fejn ikun ġie emendat għall-iskop tal-fużjoni proposta.

Artikolu 6

Titolari ta' unitajiet ġodda

Bejn id-data ta' meta d-dokument tal-informazzjoni skont l-Artikolu 43(1) tad-Direttiva 2009/65/KE jingħata lit-titolari ta' unitajiet u d-data li fiha ssir l-fużjoni, id-dokument tal-informazzjoni u t-tagħrif ewlieni għall-investitur aġġornat tal-UCITS li tirċievi għandhom jingħataw lil kull persuna li tixtri jew tissottoskrivi unitajiet kemm fil-UCITS li tkun qed tiġi fuża jew f'dik li tirċievi jew li titlob li tirċievi kopji tar-regoli tal-fond jew tal-istrumenti tal-inkorporazzjoni, il-prospett jew it-tagħrif ewlieni għall-investitur ta' kwalunkwe mill-UCITS.

TAQSIMA 2

Il-metodu tal-għoti tal-informazzjoni

Artikolu 7

Il-metodu tal-għoti tal-informazzjoni lit-titolari ta' unitajiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UCITS li tkun qed tiġi fuża u dik li tirċievi jipprovdu lit-titolari ta' unitajiet l-informazzjoni stampata jew b'mezz li jibqa' ieħor skont l-Artikolu 43(1) tad-Direttiva 2009/65/KE.

▼B

2. Fejn l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lit-titolari ta' unitajiet kollha jew lil x'uħud minnhom bl-użu ta' mezz li jibqa' li mhumiex stampat, għandhom ikunu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet:

(a) l-għoti tal-informazzjoni jrid ikun jixraq lill-kuntest li fih isir in-negozju bejn it-titolar ta' unitajiet u l-UCITS li tkun qed tiġi fuża jew dik li tirċievi jew, fejn rilevanti, il-kumpanija maniġerjali rispettiva jew ikun ser isir;

(b) it-titolar ta' unitajiet li għandu jiġi pprovdut bl-informazzjoni, meta offrut jagħżel bejn informazzjoni stampata u b'mezz li jibqa' ieħor, speċifikament jagħżel dak il-mezz li jibqa' li mhuwiex stampat.

3. Għall-iskopijiet tal-paragrafi 1 u 2, l-għoti ta' informazzjoni permezz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandu jsir kif jixraq lill-kuntest li fih isir in-negozju bejn il-UCITS li tkun qed tiġi fuża u dik li tirċievi jew il-kumpaniji maniġerjali rispettivi tagħhom u t-titolar ta' unitajiet jew ikun ser isir fih jekk ikun hemm evidenza li t-titolar ta' unitajiet għandu aċċess regolari għall-Internet. L-għoti ta' indirizz elettroniku mit-titolar ta' unitajiet għall-iskopijiet ta' twettiq ta' dak in-negozju għandu jitqies bħala din l-evidenza.

KAPITOLU III

STRUTTURI PRINĊIPALI-ALIMENTATRIĊI

TAQSIMA 1

Ftehim u r-regoli interni dwar il-kondotta fin-negozju bejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali

Sottotaqsima 1

Kontenut tal-ftehim bejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi

Artikolu 8

Aċċess għall-informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-ftehim bejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi msemmija fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE jinkludi dan li ġej dwar l-access għall-informazzjoni:

(a) kif u meta l-UCITS prinċipali tipprovdi lill-UCITS alimentatriċi b'kopja tar-regoli tal-fond jew l-istrumenti tal-inkorporazzjoni, il-prospett u t-tagħrif ewlieni għall-investitur tagħha jew ta' kwalunkwe emenda tagħhom;

(b) kif u meta l-UCITS prinċipali tinforma lill-UCITS alimentatriċi bid-delega tal-funzjonijiet tal-immaniġġjar tal-investiment u l-immaniġġjar tar-riskji lil partijiet terzi skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/65/KE;

(c) fejn ikun applikabbli, kif u meta l-UCITS prinċipali tipprovdi lill-UCITS alimentatriċi b'dokumenti interni operazzjonali, bħalma huma r-rapporti dwar il-proċess tal-immaniġġjar tar-riskji u tal-konformità tagħha;

▼B

(d) ta' liema dettalji u kif u meta l-UCITS prinċipali għandha tinnotifika lill-UCITS alimentatriċi dwar ksur min-naħa tal-UCITS prinċipali tal-liġi, tar-regoli tal-fond jew tal-istrumenti tal-inkorporazzjoni u tal-ftehim bejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi;

(e) fejn il-UCITS alimentatriċi tuża strumenti finanzjarji derivati għal skopijiet ta' ħħeġġjar, kif u meta l-UCITS prinċipali se tipprovdi lill-UCITS alimentatriċi b'informazzjoni dwar l-iskopertura reali tagħha għall-istrumenti finanzjarji derivati biex il-UCITS alimentatriċi tkun tista' tikkalkula l-iskopertura globali tagħha stess kif previst bil-punt (a) tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 58(2) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(f) dikjarazzjoni li l-UCITS prinċipali tinforma lill-UCITS alimentatriċi dwar kwalunkwe arranġament ieħor għall-iskambju tal-informazzjoni miftiehem ma' partijiet terzi u fejn ikun applikabbli, kif u meta l-UCITS prinċipali tagħmel dawk l-arranġamenti l-oħra dwar l-iskambju tal-informazzjoni disponibbli għall-UCITS alimentatriċi.

Artikolu 9

Bażi tal-investiment u ċ-ċessjoni mill-UCITS alimentatriċi

L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-ftehim ta' bejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi msemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE jkun jinkludi dan li ġej fir-rigward tal-bażi tal-investiment u ċ-ċessjoni mill-UCITS alimentatriċi:

(a) dikjarazzjoni dwar liema klassijiet ta' ishma tal-UCITS prinċipali huma disponibbli għall-investiment mill-UCITS alimentatriċi;

(b) l-imposti u l-infiq li trid tagħmel tajjeb għalihom il-UCITS alimentatriċi, u d-dettalji dwar kwalunkwe rebate jew retroċessjoni ta' imposti jew spejjeż mill-UCITS prinċipali;

(c) jekk ikun applikabbli, it-termini li fuqhom kwalunkwe trasferiment inizjali jew sussegwenti ta' assi in natura jkun jista' jsir mill-UCITS alimentatriċi għal għand il-UCITS prinċipali.

Artikolu 10

Arranġamenti standard tan-negozju

L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-ftehim ta' bejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi msemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE jkun jinkludi dan li ġej fir-rigward tal-arranġamenti standard tan-negozjar:

(a) koordinament tal-frekwenza tal-proċess tal-kalkolu tal-valur tal-assi netti u l-pubblikazzjoni tal-prezzijiet tal-unitajiet, kif ukoll ta' meta dawn għandu jsiru;

(b) koordinament tat-trażmissjoni ta' ordnijiet tan-negozjar mill-UCITS alimentatriċi, inklużi, fejn ikun applikabbli, ir-rwol tal-aġenti tat-trasferimenti jew xi parti terza oħra;

▼B

(c) fejn ikun applikabbli, l-arranġamenti kollha meħtieġa biex tingħata kunsiderazzjoni lill-fatt li xi waħda mill-UCITS, jew it-tnejn li huma. ikunu kkwotati jew innegozjati f'suq sekondarju;

(d) fejn ikun meħtieġ, miżuri xierqa oħrajn biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 60(2) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(e) fejn l-unitajiet tal-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkunu denominati f'muniti differenti, il-baži tal-konverżjoni tal-ordnijiet tan-negozjar;

(f) iċ-ċikli tas-saldu u d-dettalji tal-pagamenti tal-akkwisti jew sottoskrizzjonijiet u riakkwist jew tifdija ta' unitajiet tal-UCITS prinċipali inklużi, fejn ikun maqbul bejn il-partijiet, it-termini li fuqhom il-UCITS prinċipali tkun tista' tħallas it-talbiet għas-saldu tat-tifdija permezz ta' trasferiment ta' assi in natura lill-UCITS alimentatriċi, notevolment fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 60(4) u (5) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(g) proċeduri biex ikun żgurat li l-mistoqsijiet u l-ilmenti tat-titolari ta' unitajiet jiġu indirizzati sew;

(h) fejn ir-regoli tal-fond jew l-istrumenti tal-inkorporazzjoni u l-prospett tal-UCITS prinċipali jagħtuha ċerti jeddijiet jew poteri relatati mat-titolari ta' unitajiet, u l-UCITS prinċipali tagħżel li tillimita jew tirrinunzja għall-eżerċitar ta' dawn il-jeddijiet u l-poteri kollha jew xi whud minnhom b'rabta mal-UCITS alimentatriċi, dikjarazzjoni tat-termini li fuqhom tkun qiegħda tagħmel hekk.

Artikolu 11

Avvenimenti li jaffettwaw l-arranġamenti tan-negozjar

L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-ftehim ta' bejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi msemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE jkun jinkludi dan li ġej rigward l-avvenimenti li jaffettwaw l-arranġamenti tan-negozjar:

(a) il-mod kif u meta ssir notifika minn waħda mill-UCITS tas-sospensjoni temporanja u l-bidu mill-ġdid ta' riakkwist, tifdija, akkwist jew sottoskrizzjoni ta' unitajiet ta' dik il-UCITS;

(b) arranġamenti dwar kif jiġu nnotifikati u riżolti l-iżbalji fil-prezzar mill-UCITS prinċipali.

Artikolu 12

Arranġamenti standard dwar ir-rapport tal-awditjar

L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-ftehim ta' bejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi msemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE jinkludi dan li ġej dwar l-arranġamenti standard dwar ir-rapport tal-awditjar:

(a) fejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkollhom l-istess snin finanzjarji, il-koordinament tal-produzzjoni tar-rapporti perjodiċi tagħhom;

▼B

(b) fejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkollhom snin finanzjarji differenti, arranġamenti biex il-UCITS alimentatriċi tikseb kull informazzjoni meħtieġa mill-UCITS prinċipali biex tkun tista' tipproduċi r-rapporti perjodiċi tagħha fil-ħin u li jiżguraw li l-awditur tal-UCITS prinċipali jkun f'pożizzjoni li jipproduċi r-rapport ad hoc fid-data tal-għeluq tal-UCITS alimentatriċi skont l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 62(2) tad-Direttiva 2009/65/KE.

Artikolu 13

Tibdil fl-arranġamenti eżistenti

L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-ftehim ta' bejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi msemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE ikun jinkludi dan li ġej fir-rigward tat-tibdil fl-arranġamenti eżistenti:

(a) il-mod kif u meta tingħata notifika mill-UCITS prinċipali dwar emendi proposti u effettivi fir-regoli tal-fond u fl-istrumenti tal-inkorporazzjoni, fil-prospett u fit-tagħrif ewlieni għall-investitur tagħha, jekk dawn id-dettalji jkunu differenti mill-arranġamenti standard għan-notifikazzjoni lit-titolari ta' unitajiet stabbiliti fir-regoli tal-fond, fl-istrumenti tal-inkorporazzjoni jew fil-prospett tal-UCITS prinċipali;

(b) il-mod kif u meta tingħata notifika mill-UCITS prinċipali ta' likwidazzjoni, fużjoni, jew diviżjoni ppjanata jew proposta;

(c) il-mod kif u meta tingħata notifika minn kwalunkwe mill-UCITS li ma tkunx baqgħet jew ma tkunx se tibqa' tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kwalifikazzjoni biex tkun UCITS alimentatriċi jew UCITS prinċipali rispettivament;

(d) il-mod kif u meta tingħata notifika minn kwalunkwe mill-UCITS li tkun biħsiebha tibdel il-kumpanija maniġerjali tagħha, id-depożitarju tagħha, l-awditur tagħha jew kwalunkwe parti terza li tkun ingħatat il-mandat li teżegwixxi l-funzjonijiet tal-immaniġġjar tal-investiment jew l-immaniġġjar tar-riskji;

(e) il-mod kif u meta tingħata n-notifika dwar tibdil ieħor fl-arranġamenti eżistenti li l-UCITS prinċipali timpennjat ruħha li tipprovdi.

Artikolu 14

Għażla tal-liġi applikabbli

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkunu stabbiliti fl-istess Stat Membru, il-ftehim ta' bejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi, msemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, ikun jipprovdi li l-liġi ta' dak l-Istat Membru għandha tapplika għall-ftehim u li ż-żewġ partijiet jaqblu dwar il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati ta' dak l-Istat Membru.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkunu stabbiliti fi Stati Membri differenti, il-ftehim ta' bejn il-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi, msemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, ikun jipprovdi li l-liġi applikabbli għandha tkun jew il-liġi tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS alimentatriċi jew inkella li għandha tkun dik tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS prinċipali u li ż-żewġ partijiet jaqblu dwar il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu jkunu stipulaw li għandha tkun applikabbli għall-ftehim.

Sottotaqsima 2

Kontenut tar-regoli interni dwar il-kondotta fin-negozju

Artikolu 15

Konflitti ta' interess

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli interni dwar il-kondotta fin-negozju tal-kumpanija maniġerjali msemmija fit-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE għandhom jinkludu miżuri xierqa biex jiġu mmitigati l-konflitti ta' interess li jistgħu jinqalgħu bejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali, jew bejn il-UCITS alimentatriċi u titolari ta' unitajiet oħrajn fil-UCITS prinċipali, sakemm dawn ma jkunux qegħdin jiġu indirizzati biżżejjed bil-miżuri li tkun qiegħda tieħu l-kumpanija maniġerjali biex ikunu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikoli 12(1)(b) u 14(1)(d) tad-Direttiva 2009/65/KE u l-Kapitolu III tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/43/UE tal-1 ta' Lulju 2010 li timplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti organizzazzjonali, il-konflitti ta' interess, il-kondotta fin-negozju, l-immaniġġjar tar-riskji u l-kontenut tal-ftehim bejn depożitarju u kumpanija maniġerjali ([1]).

Artikolu 16

Bażi tal-investiment u ċ-ċessjoni mill-UCITS alimentatriċi

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli interni dwar il-kondotta fin-negozju tal-kumpanija maniġerjali msemmija fit-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE għandhom jinkludu tal-anqas dan li ġej rigward il-bażi tal-investiment u ċ-ċessjoni mill-UCITS alimentatriċi:

(a) dikjarazzjoni dwar liema klassijiet ta' ishma tal-UCITS prinċipali huma disponibbli għall-investiment mill-UCITS alimentatriċi;

(b) l-imposti u l-ispejjeż li trid tagħmel tajjeb għalihom il-UCITS alimentatriċi, u d-dettalji dwar kwalunkwe rebate jew retroċessjoni ta' imposti jew infiq mill-UCITS prinċipali;

(c) fejn ikun applikabbli, it-termini li fuqhom kwalunkwe trasferiment inizjali jew sussegwenti ta' assi in natura jkun jista' jsir mill-UCITS alimentatriċi għal għand il-UCITS prinċipali.

([1]) Ara paġna 42 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

Artikolu 17

Arranġamenti standard tan-negozjar

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli interni dwar il-kondotta fin-negozju tal-kumpanija maniġerjali msemmija fit-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE għandhom jinkludu tal-anqas dan li ġej rigward arranġamenti standard tan-negozjar:

(a) koordinament tal-frekwenza tal-proċess tal-kalkolu tal-valur tal-assi netti u l-pubblikazzjoni tal-prezzijiet tal-unitajiet, kif ukoll ta' meta dawn għandu jsiru;

(b) koordinament tat-trażmissjoni ta' ordnijiet ta' negozjar mill-UCITS alimentatriċi, inkluż, jekk ikun applikabbli, ir-rwol tal-aġenti tat-trasferimenti jew kwalunkwe parti terza oħra;

(c) fejn ikun applikabbli, kwalunkwe arranġament kollha meħtieġ biex tingħata kunsiderazzjoni lill-fatt li xi waħda mill-UCITS jew it-tnejn li huma jkunu kkwotati jew negozjati f'suq sekondarju;

(d) miżuri xierqa biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 60(2) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(e) fejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkunu denominati f'muniti differenti, il-bażi tal-konverżjoni tal-ordnijiet tan-negozjar;

(f) iċ-ċikli tas-saldu u d-dettalji dwar pagamenti ta' akkwist u tifdijai ta' unitajiet tal-UCITS prinċipali inklużi, fejn ikun maqbul bejn il-partijiet, it-termini li fuqhom il-UCITS prinċipali tkun tista' tħallas it-talbiet għas-saldu permezz ta' trasferiment ta' assi in natura lill-UCITS alimentatriċi, notevolment fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 60(4) u (5) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(g) fejn ir-regoli tal-fond jew l-istrumenti tal-inkorporazzjoni u l-prospett tal-UCITS prinċipali jagħtuha ċerti jeddijiet jew poteri relatati mat-titolari ta' unitajiet, u l-UCITS prinċipali tagħżel li tillimita jew tirrinunzja l-eżerċitar ta' dawn il-jeddijiet u l-poteri kollha jew kwalunkwe minnhom relatati mal-UCITS alimentatriċi, dikjarazzjoni tat-termini li fuqhom tkun qiegħda tagħmel hekk.

Artikolu 18

Avvenimenti li jaffettwaw l-arranġamenti tal-negozjar

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli interni dwar il-kondotta fin-negozju tal-kumpanija maniġerjali msemmija fit-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE għandhom jinkludu tal-anqas dan li ġej rigward avvenimenti li jaffettwaw l-arranġamenti tal-negozjar:

(a) il-mod kif u meta tinħareġ in-notifika minn xi UCITS minnhom tas-sospensjoni temporanja u l-bidu mill-ġdid ta' riakkwist, tifdija, akkwist jew sottoskrizzjoni ta' unitajiet tal-UCITS;

(b) arranġamenti dwar kif jiġu nnotifikati u riżolti l-iżbalji fil-prezzar mill-UCITS prinċipali.

▼B

Artikolu 19

Arranġamenti standard dwar ir-rapport tal-awditjar

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli interni dwar il-kondotta fin-negozju tal-kumpanija maniġerjali msemmija fit-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE għandhom jinkludi tal-anqas dan li ġej rigward arranġamenti standard dwar ir-rapport tal-awditjar:

(a) fejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkollhom l-istess snin finanzjarji, il-koordinament tal-produzzjoni tar-rapporti perjodiċi tagħhom;

(b) fejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkollhom snin finanzjarji differenti, arranġamenti biex il-UCITS alimentatriċi tikseb kwalunkwe informazzjoni meħtieġa mingħand il-UCITS prinċipali biex tkun tista' tipproduċi r-rapporti perjodiċi tagħha fil-ħin u li jiżguraw li l-awditur tal-UCITS prinċipali jkun f'pożizzjoni li jipproduċi rapport ad hoc fid-data tal-għeluq tal-UCITS alimentatriċi skont l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 62(2) tad-Direttiva 2009/65/KE.

TAQSIMA 2

Likwidazzjoni, fużjoni jew diviżjoni tal-UCITS prinċipali

Sottotaqsima 1

Proċeduri fil-każ ta' likwidazzjoni

Artikolu 20

Applikazzjoni għall-approvazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-UCITS alimentatriċi tissottometti lill-awtoritajiet kompetenti tagħha mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data li fiha l-UCITS prinċipali tkun infurmatha bid-deċiżjoni li torbot li se tillikwida, dan li ġej:

(a) fejn il-UCITS alimentatriċi tkun biħsiebha tinvesti tal-anqas 85 % tal-assi tagħha f'unitajiet f'UCITS prinċipali oħra skont l-Artikolu 60(4)(a) tad-Direttiva 2009/65/KE:

(i) l-applikazzjoni tagħha għall-approvazzjoni ta' dak l-investiment;

(ii) l-applikazzjoni tagħha għall-approvazzjoni tal-emendi proposti fir-regoli tal-fond tagħha jew fl-istrument tal-inkorporazzjoni;

(iii) l-emendi fil-prospett tagħha u fit-tagħrif ewlieni għall-investituri tagħha skont l-Artikoli 74 u 82 tad-Direttiva 2009/65/KE, rispettivament;

(iv) id-dokumenti l-oħrajn meħtieġa skont l-Artikolu 59(3) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(b) fejn il-UCITS alimentatriċi tkun biħsiebha tikkonverti ruħha f'UCITS li mhijiex UCITS alimentatriċi skont l-Artikolu 60(4)(b) tad-Direttiva 2009/65/KE:

▼B

(i) l-applikazzjoni tagħha għall-approvazzjoni tal-emendi proposti fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti tal-inkorporazzjoni tagħha;

(ii) l-emendi fil-prospett tagħha u fit-tagħrif ewlieni għall-investituri tagħha skont l-Artikoli 74 u 82 tad-Direttiva 2009/65/KE, rispettivament;

(c) fejn il-UCITS alimentatriċi tkun biħsiebha tillikwida ruħha, notifika ta' dik l-intenzjoni.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, fejn il-UCITS prinċipali tkun infurmat lill-UCITS alimentatriċi bid-deċiżjoni li torbota tillikwida aktar minn ħames xhur qabel id-data li fiha tkun sa tibda l-likwidazzjoni, il-UCITS alimentatriċi għandha tissottometti lill-awtoritajiet kompetenti tagħha l-applikazzjoni jew notifikazzjoni tagħha skont wieħed mill-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 mhux aktar tard minn tliet xhur qabel dik id-data.

3. Il-UCITS alimentatriċi għandha tinforma lit-titolari ta' unitajiet tagħha bl-intenzjoni tagħha li tillikwida ruħha mingħajr dewmien bla bżonn.

Artikolu 21

Approvazzjoni

1. Il-UCITS alimentatriċi għandha tiġi informata fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara s-sottomissjoni kompleta tad-dokumenti msemmija fil-punti (a) jew (b) tal-Artikolu 20(1) rispettivament, jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunux taw l-approvazzjonijiet meħtieġa.

2. Hekk kif tirċievi l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 1, il-UCITS alimentatriċi għandha tinforma lill-UCITS prinċipali dwarha.

3. Il-UCITS alimentatriċi għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 64 tad-Direttiva 2009/65/KE mill-aktar fis possibbli wara li l-awtoritajiet kompetenti jkunu taw l-approvazzjonijiet meħtieġa skont il-punt (a) tal-Artikolu 20(1) ta' din id-Direttiva.

4. Fejn il-ħlas tar-rikavat tal-likwidazzjoni tal-UCITS prinċipali jkollu jsir qabel id-data li fiha l-UCITS alimentatriċi għandha tibda tinvesti jew f'UCITS prinċipali differenti skont il-punt (a) tal-Artikolu 20(1) jew inkella skont l-għanijiet u l-politika ġodda tagħha dwar l-investiment skont il-punt (b) tal-Artikolu 20(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-UCITS alimentatriċi għandhom jagħtu l-approvazzjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-UCITS alimentatriċi għandha tirċievi r-rikavat tal-likwidazzjoni:

(i) fi flus; jew

(ii) ir-rikavat kollu jew ftit minnu bħala trasferiment ta' assi in natura fejn il-UCITS alimentatriċi tkun tixtieq hekk u fejn il-ftehim bejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jew ir-regoli interni dwar il-kondotta fin-negozju u d-deċiżjoni li torbot li ssir likwidazzjoni jkunu jipprevedu dan;

▼B

(b) kwalunkwe flus miżmuma jew irċevuti skont dan il-paragrafu jistgħu jiġu investiti mill-ġdid biss għal skop tal-immaniġġjar effiċjenti tal-flus qabel id-data li fiha l-UCITS alimentatriċi se tibda tinvesti f'UCITS prinċipali differenti jew inkella skont l-għanijiet u l-politika ġodda tagħha dwar l-investiment.

Fejn japplika l-punt (a)(ii) tal-ewwel sottoparagrafu, il-UCITS alimentatriċi tkun tista' fi kwalunkwe ħin tirrealizza fi flus kwalunkwe parti tal-assi trasferiti in natura.

Sottotaqsima 2

Proċeduri fil-każ ta' fużjoni jew diviżjoni

Artikolu 22

Applikazzjoni għall-approvazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-UCITS alimentatriċi tissottometti lill-awtoritajiet kompetenti, mhux aktar tard minn xahar wara d-data li fiha l-UCITS alimentatriċi tkun irċeviet l-informazzjoni tal-fużjoni jew id-diviżjoni ppjanata skont it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 60(5) tad-Direttiva 2009/65/KE, dan li ġej:

(a) fejn il-UCITS alimentatriċi tkun bħsiebha tibqa' UCITS alimentatriċi tal-istess UCITS prinċipali:

(i) l-applikazzjoni tagħha għall-approvazzjoni ta' dan;

(ii) fejn ikun applikabbli, l-applikazzjoni tagħha għall-approvazzjoni tal-emendi proposti fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti tal-inkorporazzjoni tagħha;

(iii) fejn ikun applikabbli, l-emendi fil-prospett tagħha u fit-tagħrif ewlieni għall-investituri tagħha skont l-Artikoli 74 u 82 tad-Direttiva 2009/65/KE, rispettivament;

(b) fejn il-UCITS alimentatriċi tkun bħsiebha ssir UCITS alimentatriċi f'UCITS prinċipali oħra li tirriżulta mill-fużjoni jew id-diviżjoni proposta tal-UCITS prinċipali jew fejn il-UCITS alimentatriċi tkun bħsiebha tinvesti tal-anqas 85 % tal-assi tagħha f'unitajiet f'UCITS prinċipali oħra li ma tkunx irriżultat mill-fużjoni jew id-diviżjoni:

(i) l-applikazzjoni tagħha għall-approvazzjoni ta' dak l-investiment;

(ii) l-applikazzjoni tagħha għall-approvazzjoni tal-emendi proposti fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti tal-inkorporazzjoni tagħha;

(iii) l-emendi fil-prospett tagħha u fit-tagħrif ewlieni għall-investituri tagħha skont l-Artikoli 74 u 82 tad-Direttiva 2009/65/KE, rispettivament;

(iv) id-dokumenti l-oħrajn meħtieġa skont l-Artikolu 59(3) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(c) fejn il-UCITS alimentatriċi tkun bħsieba tikkonverti ruħha f'UCITS li mhijiex UCITS alimentatriċi skont l-Artikolu 60(4)(b) tad-Direttiva 2009/65/KE:

▼B

(i) l-applikazzjoni tagħha għall-approvazzjoni tal-emendi proposti fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti tal-inkorporazzjoni tagħha;

(ii) l-emendi fil-prospett tagħha u fit-tagħrif ewlieni għall-investituri tagħha skont l-Artikoli 74 u 82 tad-Direttiva 2009/65/KE, rispettivament;

(d) fejn il-UCITS alimentatriċi tkun biħsiebha tillikwida ruħha, notifika ta' dik l-intenzjoni.

2. Għall-iskop tal-applikazzjoni tal-punti (a) u (b) tal-paragrafi 1 (a) u (b) għandu jittieħed inkunsiderazzjoni dan li ġej:

L-espressjoni "tibqa' UCITS alimentatriċi tal-istess UCITS prinċipali" tirreferi għal każijiet fejn:

(a) il-UCITS prinċipali tkun il-UCITS li tirċievi fil-fużjoni proposta;

(b) il-UCITS prinċipali tibqa' teżisti mingħajr ma tinbidel materjalment bħala waħda mill-UCITS li jirriżultaw mid-diviżjoni proposta.

L-espressjoni "ssir UCITS alimentatriċi ta' UCITS prinċipali oħra li tirriżulta mill-fużjoni jew mid-diviżjoni proposta tal-UCITS prinċipali" tirreferi għal każijiet fejn:

(a) il-UCITS prinċipali tkun il-UCITS li tkun qed tiġi fuża u, minħabba l-fużjoni, il-UCITS alimentatriċi ssir titolar ta' unitajiet fil-UCITS li tirċievi;

(b) il-UCITS alimentatriċi ssir titolar ta' unitajiet f'UCITS li tirriżulta minn diviżjoni li tkun materjalment differenti mill-UCITS prinċipali.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, f'każijiet fejn il-UCITS prinċipali tkun ipprovdiet l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 43 tad-Direttiva 2009/65/KE jew informazzjoni paragunabbli magħha lill-UCITS alimentatriċi aktar minn erba' xhur qabel id-data effettiva proposta, il-UCITS alimentatriċi għandha tissottometti lill-awtoritajiet kompetenti tagħha l-applikazzjoni jew notifikazzjoni tagħha skont wieħed mill-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data effettiva proposta għall-fużjoni jew id-diviżjoni tal-UCITS prinċipali.

4. Il-UCITS alimentatriċi għandha tinforma lit-titolari ta' unitajiet fiha u lill-UCITS prinċipali bl-intenzjoni tagħha li tillikwida ruħha mingħajr dewmien bla bżonn.

Artikolu 23

Approvazzjoni

1. Il-UCITS alimentatriċi għandha tiġi nfurmata fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara s-sottomissjoni kompleta tad-dokumenti msemmija fil-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 22(1) rispettivament, jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunux taw l-approvazzjonijiet meħtieġa.

2. Hekk kif tirċievi l-informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti jkunu taw l-approvazzjoni skont il-paragrafu 1, il-UCITS alimentatriċi għandha tinforma lill-UCITS prinċipali dwarha.

▼B

3. Wara li l-UCITS alimentatriċi tkun ġiet infurmata li l-awtoritajiet kompetenti jkunu taw l-approvazzjonijiet meħtieġa skont il-punt (b) tal-Artikolu 22(1) ta' din id-Direttiva, il-UCITS alimentatriċi għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 64 tad-Direttiva 2009/65/KE mingħajr dewmien bla bżonn.

4. Fil-każ tal-punti (b) u (c) tal-Artikolu 22(1) ta' din id-Direttiva, il-UCITS alimentatriċi tista' teżerċita l-jedd li titlob riakkwist jew tifdija tal-unitajiet tagħha fil-UCITS prinċipali skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 60(5) u l-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-UCITS alimentatriċi ma jkunux ikkonċedew l-approvazzjonijiet neċessarji meħtieġa skont l-Artikolu 22(1) ta' din id-Direttiva sal-jum tax-xogħol qabel l-aħħar jum tax-xogħol li fih il-UCITS alimentatriċi tista' titlob riakkwist u tifdija tal-unitajiet tagħha fil-UCITS prinċipali qabel issir l-fużjoni jew id-diviżjoni.

Il-UCITS alimentatriċi għandha teżerċita wkoll dan il-jedd biex tiżgura li l-jedd tat-titolari ta' unitajiet tagħha stess li jitolbu riakkwist jew tifdija tal-unitajiet tagħhom fil-UCITS alimentatriċi skont l-Artikolu 64(1)(d) tad-Direttiva 2009/65/KE ma jiġix affettwat.

Qabel l-eżerċitar tal-jedd imsemmi fl-ewwel sottoparagrafu, il-UCITS alimentatriċi għandha tikkunsidra soluzzjonijiet alternattivi disponibbli li jistgħu jkunu ta' għajnuna biex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet jew impatti negattivi oħrajn fuq it-titolari ta' unitajiet tagħha stess.

5. Fejn il-UCITS alimentatriċi titlob riakkwist jew tifdija tal-unitajiet tagħha fil-UCITS prinċipali, din għandha tirċievi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) rikavat mir-riakkwist jew it-tifdija fi flus;

(b) ir-riakkwist jew it-tifdija kollu jew ftit minnu bħala trasferiment ta' assi in natura fejn il-UCITS alimentatriċi tkun tixtieq hekk u fejn il-ftehim bejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkun jipprevedi dan.

Fejn ikun japplika l-punt (b) tal-ewwel sottoparagrafu, il-UCITS alimentatriċi dejjem tkun tista' tirrealizza fi flus kwalunkwe parti tal-assi trasferiti.

6. L-awtoritajiet kompetenti tal-UCITS alimentatriċi għandhom jagħtu l-approvazzjoni bil-kundizzjoni kwalunkwe flus miżmuma jew irċevuti skont il-paragrafu 5 jistgħu jiġu investiti mill-ġdid biss għal skop ta' mmaniġġjar effiċjenti tal-flus qabel id-data li fiha l-UCITS alimentatriċi tkun se tibda tinvesti jew fil-UCITS prinċipali l-ġdida jew skont l-għanijiet u l-politika ġodda tagħha dwar l-investiment.

▼B

TAQSIMA 3

Depożitarji u awdituri

Sottotaqsima 1

Depożitarji

Artikolu 24

Kontenut tal-ftehim dwar l-iskambju tal-informazzjoni bejn id-depożitarji

Il-ftehim dwar l-iskambju tal-informazzjoni bejn id-depożitarju tal-UCITS prinċipali u d-depożitarju tal-UCITS alimentatriċi msemmija fl-Artikolu 61(1) tad-Direttiva 2009/65/KE għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-identifikazzjoni tad-dokumenti u l-kategoriji ta' informazzjoni li għandhom jiġu kondiviżi bejn iż-żewġ depożitarji b'rutina, u jekk din l-informazzjoni jew dawn id-dokumenti jkunux ġew ipprovduti minn depożitarju lill-ieħor jew kinux disponibbli fuq talba;

(b) il-mod kif u meta, inkluża kwalunkwe data ta' skadenza applikabbli, tiġi trażmessal-informazzjoni mid-depożitarju tal-UCITS prinċipali lid-depożitarju tal-UCITS alimentatriċi;

(c) il-koordinament tal-involviment taż-żewġ depożitarji, sakemm ikun xieraq meta wieħed iqis id-dmirijiet rispettivi tagħhom skont il-liġi nazzjonali b'rabta mal-kwistjonijiet operazzjonali, inklużi:

(i) il-proċedura għall-kalkolu tal-valur tal-assi netti ta' kull UCITS, inklużi l-miżuri kollha xierqa għall-ħarsien mill-attivitajiet tal-market timing skont l-Artikolu 60(2) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(ii) l-ipproċessar tal-istruzzjonijiet mill-UCITS alimentatriċi għall-akkwist, sottoskrizzjoni, jew talba ta' riakkwist jew tifdija ta' unitajiet fil-UCITS prinċipali, u s-saldu ta' dawn it-tranżazzjonijiet, inkluż kwalunkwe arranġament ta' trasferiment ta' assi in natura;

(d) il-koordinament ta' proċeduri ta' tmiem is-sena finanzjarja;

(e) x'dettalji dwar ksur min-naħa tal-UCITS prinċipali tal-liġi u r-regoli tal-fond jew tal-istrumenti tal-inkorporazzjoni għandu jipprovdi d-depożitarju tal-UCITS prinċipali lid-depożitarju tal-UCITS alimentatriċi u l-mod kif u meta dawn jiġu pprovduti;

(f) il-proċedura għall-immaniġġar ta' talbiet ad hoc għall-assistenza minn depożitarju għall-ieħor;

(g) l-identifikazzjoni ta' avvenimenti kontinġenti partikolari li għandhom jiġu nnotifikati abbażi ad hoc minn depożitarju għall-ieħor, u l-mod kif u meta dan isir.

▼B

Artikolu 25

Għażla tal-liġi applikabbli

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkunu daħlu fi ftehim skont l-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, il-ftehim bejn id-depożitarji tal-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jkun jipprovdi li l-liġi tal-Istat Membru li tkun tapplika għal dak il-ftehim skont l-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għall-ftehim dwar l-iskambju tal-informazzjoni bejn iż-żewġ depożitarji u li ż-żewġ depożitarji jaqblu dwar il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati ta' dak l-Istat Membru;

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn il-ftehim ta' bejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkun inbidel b'regoli interni dwra il-kondotta fin-negozju skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, il-ftehim bejn id-depożitarji tal-UCITS prinċipali u l-UCITS alimentatriċi jkun jipprovdi li l-liġi li tapplika għall-ftehim dwar l-iskambju tal-informazzjoni bejn iż-żewġ depożitarji għandha tkun jew dik tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS alimentatriċi jew, fejn ikun differenti, dik tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS prinċipali, u li ż-żewġ depożitarji jaqblu dwar il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu tkun applikabbli għall-ftehim dwar l-iskambju tal-informazzjoni.

Artikolu 26

Rappurtar ta' irregolaritajiet mid-depożitarju tal-UCITS prinċipali

L-irregolaritajiet imsemmija fl-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2009/65/KE li jinduna bihom id-depożitarju tal-UCITS prinċipali waqt l-eżekuzzjoni tal-funzjoni tiegħu skont il-liġi nazzjonali u li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-UCITS alimentatriċi għandhom jinkludu, imma mhumiex ristretti għal dawn:

(a) żbalji fil-kalkulazzjoni tal-valur tal-assi netti tal-UCITS prinċipali;

(b) żbalji fit-tranżazzjonijiet jew is-saldu ta' akkwist, sottoskrizzjoni, jew talba ta' riakkwist jew tifdija ta' unitajiet fil-UCITS prinċipali li tagħmel il-UCITS alimentatriċi;

(c) żbalji fil-pagament jew kapitalizzazzjoni tal-introjtu li joriġina mill-UCITS prinċipali, jew fil-kalkulazzjoni ta' kwalunkwe taxxa mis-sors;

(d) ksur tal-għanijiet, politika jew strateġija tal-investiment tal-UCITS prinċipali, kif deskritt fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti tal-inkorporazzjoni, fil-prospett jew fit-tagħrif ewlieni għall-investitur tagħha;

(e) ksur tal-limiti tal-investiment u s-self stabbiliti fil-liġi nazzjonali jew fir-regoli tal-fond, fl-istrument tal-inkorporazzjoni, fil-prospett jew fit-tagħrif ewlieni għall-investitur.

▼B

Sottotaqsima 2

Awdituri

Artikolu 27

Ftehim dwar l-iskambju tal-iinformazzjoni bejn l-awdituri

1. Il-ftehim dwar l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awditur tal-UCITS prinċipali u l-awditur tal-UCITS alimentatriċi msemmi fl-Artikolu 62(1) tad-Direttiva 2009/65/KE għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-identifikazzjoni tad-dokumenti u l-kategoriji ta' informazzjoni li għandhom jiġu kondiviżi bejn iż-żewġ awdituri b'rutina,

(b) jekk l-informazzjoni jew id-dokumenti msemmija fil-punt (a) għandhomx jiġu pprovduti minn awditur lill-ieħor jew jingħatawx fuq talba;

(c) il-mod kif u meta tiġi trażmessal-informazzjoni mill-awditur tal-UCITS prinċipali lill-awditur tal-UCITS alimentatriċi, inkluża kwalunkwe data ta' iskadenza applikabbli;

(d) il-koordinament tal-involviment ta' kull awditur fil-proċeduri ta' tmiem is-sena finanzjarja għall-UCITS rispettivi

(e) l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu ttrattati bħala irregolaritajiet żvelati fir-rapport tal-awditjar tal-awditur tal-UCITS prinċipali għall-iskopijiet tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 62(2) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(f) il-mod kif u meta jiġu mmaniġġati talbiet ad hoc għall-assistenza minn awditur lill-ieħor, inkluża talba għal aktar informazzjoni dwar irregolaritajiet żvelati fir-rapport tal-awditjar tal-awditur tal-UCITS prinċipali.

2. Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar it-tħejjija tar-rapporti tal-awditjar msemmija fl-Artikoli 62(2) u 73 tad-Direttiva 2009/65/KE u l-mod kif u meta jiġi pprovdut ir-rapport tal-awditjar tal-UCITS prinċipali u abbozzi tiegħu lill-awditur tal-UCITS alimentatriċi.

3. Fejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkollhom dati differenti għal tmiem is-sena finanzjarja, il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi l-mod kif u meta l-awditur tal-UCITS prinċipali għandu jagħmel ir-rapport ad hoc meħtieġ skont l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 62(2), id-Direttiva 2009/65/KE u jipprovdih flimkien ma' abbozzi tiegħu lill-awditur tal-UCITS alimentatriċi..

Artikolu 28

Għażla tal-liġi applikabbli

1. L-Istat Membru għandu jiżgura li fejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkunu daħlu fi ftehim skont l-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, il-ftehim bejn l-awdituri tal-UCITS prinċipali u tal-UCITS alimentatriċi jipprovdi li l-liġi tal-Istat Membru li tkun tapplika għal dak il-ftehim skont l-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva

▼B

għandha tapplika wkoll għall-ftehim dwar l-iskambju tal-informazzjoni bejn iż-żewġ awdituri u li ż-żewġ awdituri jaqblu dwar il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati ta' dak l-Istat Membru.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn il-ftehim bejn il-UCITS alimentatriċi u l-UCITS prinċipali jkun inbidel b'regoli interni dwar il-kondotta fin-negozju skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 60(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, il-ftehim bejn l-awdituri tal-UCITS prinċipali u tal-UCITS alimentatriċi jipprovdi li l-liġi li tapplika għall-ftehim dwar l-iskambju tal-informazzjoni bejn iż-żewġ awdituri għandha tkun jew dik tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS alimentatriċi jew, fejn ikun differenti, dik tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS prinċipali, u li ż-żewġ awdituri jaqblu dwar il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu tkun applikabbli għall-ftehim dwar l-iskambju tal-informazzjoni.

TAQSIMA 4

Il-mod kif tiġi pprovduta l-informazzjoni lit-titolari ta' unitajiet

Artikolu 29

Il-mod kif tiġi pprovduta l-informazzjoni lit-titolari ta' unitajiet

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-UCITS alimentatriċi tipprovdi l-informazzjoni lit-titolari ta' unitajiet skont l-Artikolu 64(1) tad-Direttiva 2009/65/KE bl-istess mod kif stipulat fl-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva.

KAPITOLU IV

PROĊEDURA TAN-NOTIFIKAZZJONI

Artikolu 30

Ambitu tal-informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jagħmlu aċċessibbli skont l-Artikolu 91(3) tad-Direttiva 2009/65/KE

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kategoriji ta' informazzjoni li ġejjin dwar il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi rilevanti jkunu aċċessibbli skont l-Artikolu 91(3) tad-Direttiva 2009/65/KE:

(a) id-definizzjoni tat-terminu "kummerċjalizzazzjoni ta' unitajiet ta' UCITS" jew it-terminu legali ekwivalenti jew kif jissemma fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u kemm kif żviluppat fil-prattika;

(b) ir-rekwiżiti għall-kontenut, il-format u l-mod tal-preżentazzjoni tal-komunikazzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni, inklużi kull twissija mandatarja u restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċertu kliem jew frażijiet;

(c) mingħajr ħsara għall-Kapitolu IX tad-Direttiva 2009/65/KE, id-dettalji dwar kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tiġi żvelata lill-investituri;

▼B

(d) id-dettalji dwar kwalunkwe eżenzjoni mir-regoli jew rekwiżiti li jirregolaw l-arranġamenti li jkunu saru għall-kummerċjalizzazzjoni applikabbli f'dak l-Istat Membru għal ċerti UCITS, ċerti klassijiet ta' ishma ta' UCITS jew ċerti kategoriji ta' investituri;

(e) ir-rekwiżiti għar-rapportar jew trażmissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru, u l-proċedura għall-preżentazzjoni ta' verżjonijiet aġġornati tad-dokumenti meħtieġa;

(f) ir-rekwiżiti għal kwalunkwe tariffa jew somma oħra li trid titħallas lill-awtoritajiet kompetenti jew lil kwalunkwe korp statutorju ieħor f'dak l-Istat Membru, meta tibda l-kummerċjalizzazzjoni jew inkella perjodikament minn hemm 'il quddiem;

(g) ir-rekwiżiti relatati mal-faċilitajiet li jridu jkunu disponibbli għat-titolari ta' unitajiet kif meħtieġ bl-Artikolu 92 tad-Direttiva 2009/65/KE;

(h) il-kundizzjonijiet għat-terminazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' unitajiet tal-UCITS f'dak l-Istat Membru minn UCITS b'domiċilju fi Stat Membru ieħor;

(i) il-kontenut iddettaljat tal-informazzjoni meħtieġa minn Stat Membru li jrid ikun inkluż fil-PartiB tal-ittra ta' notifika msemmija fl-Artikolu 1 tar-[ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 584/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forma u l-kontenut ta' ittra standard ta' notifika u l-attestazzjoni tal-UCITS, l-użu ta' komunikazzjoni elettronika bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop ta' notifika, u proċeduri ta' verifiki u investigazzjonijiet fuq il-post u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti] ([1]);

(j) l-indirizz tal-posta elettronika (tal-imejl) intenzjonat għall-iskop tal-Artikolu 32.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1 fil-forma ta' deskrizzjoni narrattiva, jew kumbinazzjoni ta' deskrizzjoni narrattiva u serje ta' referenzi jew konnessjonijiet ma' dokumenti sors.

Artikolu 31

Aċċess għad-dokumenti mill-Istat Membru ospitanti tal-UCITS

1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-UCITS jiżguraw li kopja elettronika ta' kwalunkwe dokumenti msemmi fl-Artikolu 93(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tkun disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-UCITS, jew is-sit elettroniku tal-kumpanija maniġerjali li timmaniġġja dik il-UCITS, jew fuq websajt ieħor speċifikat mill-UCITS fl-ittra ta' notifika mibgħuta skont l-Artikolu 93(1) tad-Direttiva 2009/65/KE jew kwalunkwe aġġornamenti tagħha. Kwalunkwe dokument li jkun disponibbli fuq il-websajt għandu jkun ipprovdut f'format elettroniku komuni.

([1]) Ara paġna 16 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-UCITS tiżgura li l-Istat Membru ospitanto tal-UCIT ikollu aċċess għas-sit imsemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 32

Aġġornamenti ta' dokumenti

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jispeċifikaw indirizz tal-posta elettronika (tal-imajl) biex jirċievu notifikazzjoni tal-aġġornamenti u l-emendi tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 93(2) tad-Direttiva 2009/65/KE, skont l-Artikolu 93(7) tad-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-UCITS tinnotifika kwalunkwe aġġornament jew emenda tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 93(2) tad-Direttiva 2009/65/KE, skont l-Artikolu 93(7) tad-Direttiva 2009/65/KE bil-posta elettronika fl-indirizz tal-posta elettronika msemmi fil-paragrafu 1.

L-imajl li tinnotifika t-tali aġġornament jew emenda tista' jew tiddeskrivi l-aġġornament jew l-emenda li tkun saret, jew tahmeż verżjoni ġdida tad-dokument.

3. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li kull dokument mehmuż mal-posta elettronika msemmija fil-paragrafu 2, għandu jiġi pprovdut mill-UCITS f'format elettroniku komuni.

Artikolu 33

Żvilupp ta' sistemi komuni tal-ipproċessar ta' dejta

1. Biex ikun iffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni jew id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 93(1), (2) u (3) tad-Direttiva 2009/65/KE mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn il-UCITS ikunu bbażati, għall-iskop tal-Artikolu 93(7) ta' dik id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jikkoordinaw l-istabbiliment ta' sistemi elettroniċi soffistikati tal-ipproċessar u storjar ċentrali ta' dejta u li jkunu komuni għall-Istati Membri kollha.

2. Il-koordinament bejn l-Istati Membri msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir fil-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 34

Trażpożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011.

▼B

Madankollu, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikoli 7 u 29 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġi ppubblikati. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif din ir-referenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 35

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 36

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.